# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI, B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 30 ta' Marzu, 2001**

**Numru 13**

**Cit. Numru 435/92 JF**

**Avukat Dottor Robert Staines bhala rapprezentant tas-socjeta' Formosa & Camilleri Ltd., u dina bhala agenti Malta tas-socjeta' assikuratrici estera Guardian Royal Exchange Assurance Plc surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Muscats Motors Ltd. U b'nota ta' l-10 ta' Marzu, 1999, l-Avukat Dottor Joseph Zammit McKeon bhala rapprezentant tas-socjeta' Atlas Insurance Agency Limited agenti Malta tas-socjeta' estera Guardian Royal Exchange Assurance plc surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha s-socjeta' Muscats Motors Limited assuma l-atti tal-kawza minflok l-Avukat Dottor Robert Staines bhala rapprezentant tas-socjeta' Formosa & Camilleri Ltd.**

**vs**

**James Gollcher u Karl Gollcher bhala diretturi in rapprezentanza tas-socjeta' O.F. Gollcher & Sons Ltd. Agenti Malta ta' Nippon Yusen Kaisha NYK Line, armaturi tal-vapur YUJIN, u Godwin Abela, ghan-nom u in rapprezentanza ta' The Cargo Handling Co. Ltd.**

**L-Att tac-Citazzjoni**

Is-socjeta' assiguratrici attrici pprocediet kontra s-socjetajiet konvenuti b'dan l-att tac-citazzjoni:-

"Permess illi s-socjeta' Muscats Motors Ltd., importat mill-Gappun sebgha u erbghin (47 vettura tal-marka Daihatsu fuq il-vapur YUJIN li ghabba mill-port ta' Kobe fil-Gappun stess (Dok 1);

Premess illi wara l-wasla tal-bastiment f'Malta fl-4 ta` April 1991, meta l-importatur, f`din l-istess data, mar jiehu konsenja tal-vetturi fuq imsemmija, rrizulta li kien hemm in-nuqqasijiet u ksur elenkati fid-dokument 2;

Premess illi ghal dan in-nuqqas u hsara, l-assikurazzjoni attrici, kif obbligata, hallset is-somma ta' hames mija u hamsa u hamsin lira u erbghin centezmu (Lm555.40c) u ghalhekk giet surrogata fid-drittijiet tad-ditta importatrici (Dok 3 u 4);

Premess li l-konvenuti nominee, jew min minnhom, huma responsabbli ghall-imsemmi nuqqas u hsara;

TALAB li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi m`ghandiex:

1. tiddikjara lis-socjetajiet konvenuti jew min minnhom, responsabbli ghan-nuqqas u hsara fuq riferiti; u

2. tikkundannahom, jew min minnhom, biex ihallsu lill-attur nomine s-somma ta' hames mija, hamsa u hamsin lira u erbghin centezmu (Lm555.40c) in linea ta' danni sofferti mill-importatur u surrogati mill-attur nomine; bl-interessi mid-data tal-pagament indikat fis-surroga fic-cirkostanzi u minhabba l-obbligi hawn fuq premessi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti".

**<u>Eccezzjonijiet</u>**

Is-socjeta' O.F. Gollcher & Sons Ltd., bhala agenti tas-socjeta' estera Nippon Yusen Kaisha NYK Line, armaturi tal-vapur YUJIN, hekk eccepiet:-

> "Preliminarjament in-nuqqas ta' gurisdizzjoni fil-Qorti tal-Kummerc stante illi l-partijiet ftehmu fuq gurisdizzjoni estera skond il-polza tal-kariku tal-merkanzija in kwistjoni (Dok G);
>
> Illi subordinatament ghall-ewwel eccezzjoni, in linea preliminari l-preskrizzjoni ta' sena a tenur ta' l-artikolu 544 tal-Kodici Kummercjali;
>
> Preliminarjament ukoll u subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel u t-tieni eccezzjoni, il-preskrizzjoni ta' sena a tenur tal-paragrafu 3 ta' l-artiklu 6 tal-Hague Rules.
>
> Illi fil-meritu t-talbiet attrici in kwantu diretti kontra l-eccipjent nominee huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-eccipjenti nomine m'humiex responsabbli ghan-nuqqasijiet u hsarat allegati.
>
> Illi subordinatament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-responsabilita' ta' l-eccipjenti nomine hija limitata skond il-polza tal-kariku".

Is-socjeta' The Cargo Handling Co. Ltd. min-naha taghha eccepiet illi t-talbiet attrici kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt, stante li l-konvenuti nomine qdew il-funzjonijiet kollha minnhom rikjesti bil-ligi. Din is-socjeta' konvenuta ma tatx f'din il-kawza s-soliti eccezzjonijiet pratikament stereotipati li sussegwentement bdiet tavanza f'azzjonijiet ta' din ix-xorta.

**<u>Decide</u>**

B'sentenza tas-7 ta' Ottubru, 1996, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet il-kawza billi fl-ewwel lok cahdet it-talba attrici, inkwantu maghmula kontra s-socjeta' O.F. Gollcher & Sons Ltd. nomine, u dana a spejjez ta' l-attur nomine. Laqghet it-talbiet inkwantu diretti kontra s-socjeta' The Cargo Handling Co. Ltd. limitatament pero' ghas-somma ta' LM291.98c bl-interessi mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni sal-hlas effettiv u bl-ispejjez gudizzjarji kontriha – eskluzi dawk relativi ghas-socjeta' konvenuta l-ohra.

**<u>Verbal tat-18 ta' Gunju, 1992</u>**

Rat il-verbal tat-18 ta' Gunju, 1992, u dak sussegwenti tal-11 ta' Marzu, 1993, li minnhom jirrizulta li s-socjeta' konvenuta, O.F. Gollcher and Sons Ltd. qua agenti tan-Nippon Yusen Kaisha NYK Line, armaturi tal-vapur YUJin, irtirat l-ewwel tlett eccezzjonijiet minnha sollevati.

**<u>Motivazzjoni tas-sentenza appellata</u>**

L-ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha:-

"Ikkunsidrat li l-kwistjoni li baqghet pendenti bejn il-kontendenti huwa l-meritu u cioe' min kien responsabbli ghan-nuqqasijiet u hsarat reklamati mill-attur nomine u kemm hu, se mai, il-quantum ta' dawn id-danni li l-attur nominee jikkwantifika fl-ammont ta Lm555.40c liema somma effettivament tinkludi fiha "survey fees" ta' Lm180.00c.

Ikun inutli qabel xejn li jigu determinati d-danni talvolta rizarcibbli. Il-Qorti ma taqbilx li kif imposta c-citazzjoni li l-attur nomine huwa intitolat li jitlob ukoll Lm180.00 bhala "survey" jew "agency fees" li proprjament lanqas biss qatt thallsu lill-assigurat tieghu u stante l-fatt li wara kollox dan is-"survey" jigi kondott fl-interess ta' l-assiguratur u ta' l-importatur u dan indipendentement minn kull hsarat li jistghu jigu riskontrati. Hemm argument validu dwar dawk is-"survey fees" – parti minnhom jigifieri – li jkunu relatati ma' dawk l-oggetti li tinstabilhom hsara pero' f`din ic-citazzjoni l-attur nomine qed jitlob l-ammont shih u, kif inghad, f`kull kaz dan mhux kopert jew kompriz fis-surroga moghtija lilu mill-assigurat ghaliex dan ta' l-ahhar qatt ma hallas sofra jew ircieva tali ammont. Ghalhekk proprjament id-danni huma ta' Lm376.41c (tlett mija u sitta u sebghin lira maltin u wiehed u erbghin centezmu) u mhux izjed.

Mill-provi jirrizulta li s-socjeta Muscat Motor Ltd importat geww Malta mill-Gappun 47 vettura tal-marka Daihatsu li gew trasportati fuq il-bastiment Yujin rapprezentat mis-socjeta' lokali O. F. Gollcher & Sons Ltd ko-konvenuta. Sar 'joint-tallying' – li mill-provi prodotti jirrizulta li kien wiehed imghaggel jew ahjar 'ta` kafkaf' – u effettivament ma gew riskontrati ebda nuqqasijiet jew danni. Il-vetturi, wara li gew skarikati minn fuq il-vaupr, ghaddew in segwitu fil-pussess tas-socjeta' konvenuta l-ohra The Cargo Handling Co Ltd. Meta wasal il-mument tar-rilaxx sar dak li jissejjah il-"Gate Pass Out" li nonostante li ma jindika l-ebda rimarka – anzi jgib il-firma tar-ricevitur jew "consignee" tal-vetturi biex jiccertifika li l-oggetti hadhom "in good order and condition" (ara fol 16), xorta wahda hemm ix-xhieda ta' Noel Ellul, Marine Claims Executive mas-socjeta' attrici li xehed li huwa spezzjona l-vetturi de quo fil-Laboratory Wharf, jigifieri qabel ir-rilaxx, akkompanjat minn Joseph Catania li kien qed jidher ghall-importatur, Muscat Motors Limited, u dan ighid li l-hsarat elenkati fir-rapport tieghu (a fol 8 tal-process) juru dak li huwa kkostata waqt l-ispezzjoni tieghu. Joseph Catania, ghalkemm ikkonferma li huwa wkoll spezzjona l-vetturi fuq il-moll ma` Noel Ellul, fl-istess waqt huwa kien anqas kategoriku min Ellul. Anzi dan ix-xhud jghid hekk (ara fol. 38):

"Jiena nnotajt li kien hemm diversi nuqqasijiet; hsarat ma rajtx. Jien kont ghamilt lista tan-nuqqasijiet li sibt fuq rough paper, imbaghad ikkupjajthom pulit."

Il-Qorti qed taqrali schedule li hemm fin-numru 8 u naqbel li bhala shortages kien hemm dak li gie rraportat f`din is-schedule pero' bhala damage jien ma rriskontrajt xejn.
Ix-xatt ma nnotajt l-ebda hsara…" (Sottolinear tal-Qorti)

Ix-xhud jispjega li seta' kien il-kaz li l-hsarat ma jkunux jidhru billi l-vetturi jkollom kisja xama'. Il-Qorti, ghalkemm certament tapprezza l-mod skjett li bih xehed dan ix-xhud Joseph Catania, ma tistax tikkonkludi jew taccetta dak li qed invece jippretendi l-attur nomine, jigifieri li hemm ukoll il-prova li l-hsara fuq "one front bumper" taht l-intestatura "Damages" fl-ammont ta' Lm75.43c tista' tigi stabbilita jew mittiehda bhala li sehhet meta l-vetturi kienu fix-xatt u fil-pussess ta' Godwin Abela nomine.

Dwar il-"Gate Pass Out" intqal hafna drabi li dan ghandu forza probatorja juris tantum u mhux assoluta u dan meta jkun jidher li l-proceduri tar-rilaxx, verifika u mili ta' dan id-dokument ikunu gew osservati kif suppost. Mill-provi jirrizulta aktar minn evidenti li f`dan il-kaz kollox sar b`doza qawwija ta' leggerezza. Fl-istess waqt pero' jirrizulta sufficjentement ippruvat li ghal dak li jikkoncerna n-nuqqasijiet riskontrati li dawn huma attribwibbli ghall-mument ta' meta l-vetturi ghaddew fil-pussess ta' Godwin Abela nomine. It-"tally sheets" rigwardanti l-iskarikar tal-merkanzija – ghalkemm anke hawn kollox sar ta` malajr – ma jindika ebda responsabbilta li tikkonnetti b`xi mod xi htija da parti tas-socjeta' responsabbli mit-trasport tal-vetturi. Huwa deplorevoli li l-kontrolli mill-ufficjali kollha inkarigati, indistintament, jittiehdu jew isiru daqstant leggerment. Is-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Co. Limited fic-cirkostanzi ma tistax tinhela wara r-Regolamenti tal-Port meta taccetta proceduri leggeri u meta hemm provi sufficjenti – x-xhieda ta' Ellul u ta' Catania – li juru li almenu n-nuqqasijiet sehhew meta l-vetturi kienu fil-pussess taghha. Din is-socjeta' ghandha l-mod li tizgura li jigi stabbilit jekk verament vetturi – f`dan il-kaz – inhargux fi stat tajjeb jew le – u dan waqt ir-rilaxx. Issa huwa veru li l-"Gate Pass Out" prima facile jiskaguna lil din il-kumpanija minn kull htija imma mhux meta jirrizulta li ma saritx verifika vera u proprja.

Dwar danni, ghalhekk, jirrizulta ppruvat li Godwin Abela nomine jrid jaghmel tajjeb ghall-ammont ta' Lm367.41c nieqes Lm75.43c

> jigifieri Lm291.98c (mitejn u wiehed u disghin lira maltin tmienja u disghin centezmu)"

**Appelli**

Minn din is-sentenza gew intavolati zewg appelli principali. Appell mis-socjeta' The Cargo Handling Co. Ltd. u appell iehor mis-socjeta' assiguratrici attrici. Is-socjeta' O.F. Gollcher & Sons Ltd. nomine ma appellat bl-ebda mod mis-sentenza taht ezami, liema sentenza ghaddiet allura fil-konfront taghha in gudikat. Sewwa jinghad illi filwaqt li l-appell tas-socjeta' The Cargo Handling Co. Ltd. jinvesti l-mertu ta' l-azzjoni, u cioe' id-dikjarazzjoni tal-Qorti dwar ir-responsabilita' ghad-danni reklamati mis-socjeta' assikuratrici attrici, l-appell ta' din l-ahhar socjeta' hu limitat ghad-decizjoni ta' l-ewwel Qorti fir-rigward tat-talba ghall-kundanna tal-hlas tas-survey fees minnhom minfuqa, u ghar-rigward tal-kap ta' l-ispejjez fejn dan addebita l-hlas ta' l-ispejjez gudizzjarji tas-socjeta' konvenuta O.F. Gollcher & Sons Ltd. lis-socjeta' attrici.

**L-appell principali tas-socjeta' The Cargo Handling Co. Ltd.**

Din il-Qorti tqis qabel xejn dan l-appell u tezamina l-aggravju ta' din is-socjeta' fid-dawl tal-konsiderandi fis-sentenza appellata li wasslu lill-ewwel Qorti ghall-konvinciment li r-responsabilita' ghad-danni reklamati

kellha tigi kollha debitata lil din is-socjeta'. Jinghad qabel xejn li l-appell ta' din is-socjeta' konvenuta iqajjem diversi punti ta' kontestazzjoni li ma jidhirx li gew sollevati quddiem l-ewwel Qorti. Certament mhux formalment fil-forma ta' eccezzjonijiet ad hoc li kellhom, se mai, ikopru dawn l-ilmenti. Dawn huma aggravji li fil-verita' gew minn dawn il-qrati f'diversi okkazzjonijiet trattati funditus u michuda bhala insostenibbli fil-ligi, anke f'dawk l-okkazzjonijiet fejn il-kontestazzjoni kienet giet sollevata formalment permezz ta' eccezzjonijiet appositi. Fil-kaz taht ezami allura din il-Qorti ma kienetx tenuta li tindaga dawn l-eccezzjonijiet sollevati quddiemha mis-socjeta' The Cargo Handling Co. Ltd. ghaliex dawn kien kjarament messhom tqajjmu se mai quddiem l-ewwel Qorti. B'dana kollu, ghall-kompletezza, din il-Qorti taghmel riferenza ghall-gurisprudenza ormai pacifika li kjarament enuncjat l-insenjament li eccezzjonijiet ta' din ix-xorta f'kawzi ta' din l-indole ma kienux sostenibbli.

Din il-Qorti kellha allura strettament tillimita ruhha ghall-aggravji tas-socjeta' appellanti The Cargo Handling Co. Ltd. illi strettament jolqtu l-valur probatorju kemm tat-Tally Sheet, maghmula konguntement mir-rapprezentant tal-vapur ma' l-impjegat tas-socjeta' The Cargo Handling Co. Ltd., u mill-valur probatorju tal-Gate Pass Out. Din is-socjeta' konvenuta tikkontesta s-sejbien esklussiva tar-responsabilita' ta' htija taghha ghad-danni reklamati konsegwenzjali ghad-determinazzjoni

mill-ewwel Qorti tal-fatt li dawn id-danni ma setghux ma sehhewx jekk mhux fiz-zmien minn meta il-vetturi gew skarikati minn fuq il-vapur u konsenjati lill-istess socjeta' The Cargo Handling Co. Ltd. sa meta din l-istess socjeta' irrilaxxjat l-istess vetturi f'idejn l-importatur.

L-aggravju ta' din is-socjeta' fir-rikors ta' l-appell isegwi dak klassiku f'kawzi ta' din ix-xorta li bih is-socjeta' appellanti filwaqt li tittanta tiskredita il-valur probatorju tal-Joint Tally Sheet, tenfasizza l-attendibilita' tal-Gate Pass Out minnha rilaxxjat. Difiza din li, fil-fehma ta' din il-Qorti, kienet ghal kollox inadegwata kif jidher aktar minn car mill-analizi li ghamlet l-ewwel Qorti tac-cirkostanzi fattwali li pprovokaw ir-rilaxx ta' dawn id-dokumenti portwali.

Ezami akkurat tal-provi prodotti ftit li xejn jirrikjedu spjega aktar approfondita da parti ta' din il-Qorti. Il-provi, kif jirrizultaw, kienu, fil-fehma taghha, cari u inekwivoci u ma jhallu l-ebda lok ghal dubju dwar fejn u lil min kellha tigi addebitata r-responsabilita' ghad-danni pretizi. Nonostante l-isforzi kollha tas-socjeta' The Cargo Handling Co. Ltd. biex tiskredita l-valur tal-Joint Tally Sheet, li fih hu pacifiku li kien ippartecipa r-rapprezentant taghha, jidher li hu ben stabbilit li t-Tally sar b'mod akkurat u korrett sal-punt li ssodisfa lil din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti, li li kieku kienu gew osservati xi hsarat jew nuqqasijiet, dawn kienu jigu

annotati fil-Joint Tally. Zgur li ma kien hemm xejn x'josta li dan isir, kif lanqas jidher li seta' kien hemm xi interess ta' xi parti li jevita li jsiru annotazzjonijiet ta' din ix-xorta jekk jirrizultaw.

Min-naha l-ohra id-difiza principali tas-socjeta' The Cargo Handling Co. Ltd. fir-rigward ta' l-attendibilita' tal-Joint Tally jidher li hi dik klassika illi dan it-Tally kellu jsir b'mod mghaggel minhabba pressjoni ta' xoghol, u li allura dawk li kkonducewh, fosthom impjegati ta' l-istess socjeta' appellanti, ma kienux f'posizzjoni li jivverifikaw sewwa il-kondizzjoni tal-vetturi fil-mument meta dawn kienu qed jigu konsenjati lis-socjeta' The Cargo Handling Co. Ltd.

Anke li kieku kellu jigi, ghall-grazzja ta' l-argument biss, accettat dan l-argument, xorta jibqa' l-fatt li r-responsabilita' ghall-kondotta tat-Tally Sheet, li s-socjeta' The Cargo Handling Co. Ltd. kellha kull interess li tikkonduci b'mod effettiv, kienet tispetta wkoll lil dik is-socjeta'. Jekk hi naqset li tassigura din il-prova krucjali biex tezimi ruhha minn kull responsabilita' ghad-danni reklamati, is-socjeta' appellanti setghet biss tinkolpa lilha nfisha. Imputet sibi.

Mill-banda l-ohra is-socjeta' The Cargo Handling Co. Ltd. tittanta taghti risalt u kredibilita' lill-Gate Pass Out. Tentattiv pero' dan li jfalli ghal kollox meta wiehed iqis il-valur tax-xhieda ta' l-impjegati stess ta' din is-socjeta' li jammettu li ma kienu hadu l-ebda interess biex jivverifikaw il-kondizzjoni tal-vetturi fil-mument meta dawn kienu qeghdin jigu rilaxxjati f'idejn l-importatur. Huma b'mod l-aktar skjett u b'leggerezza li tirrazenta l-irresponsabilita', huma jammettu li ma kellhom l-ebda interess illi jaccertaw ruhhom li l-Gate Pass Out minnhom rilaxxjat kien jirrispekkja l-verita' dwar il-kondizzjoni tal-merkanzija u li huma ma kellhom l-ebda intenzjoni jew hajra li jindikaw fl-istess Gate Pass Out cirkostanzi negattivi sakemm dawn ma jigux lihom specifikatament indikati mill-importatur jew mill-impjegati tas-socjeta' assiguratrici, illi, hu assodat, ikkonduciet is-survey tal-vetturi fiz-zmien meta dawn kienu ghal kollox taht il-kontroll tas-socjeta' appellanti.

Mill-banda l-ohra l-istess socjeta' appellanti, kif ukoll ir-rapprezentanti ta' l-importatur iddikjaraw b'mod mill-aktar apert illi huma bl-ebda mod ma ttantaw jikkonvincu lir-rapprezentanti tas-socjeta' The Cargo Handling Co. Ltd. biex fil-Gate Pass Out inizzlu notament relativ ghal danni, hsarat u nuqqasijiet, riskontrati fil-vetturi. Dan ghar-raguni ben nota u ormai ben stabbilita li, f'dak iz-zmien, insistenza ta' dik ix-xorta da parti ta' l-importatur, kienet tfisser iz-zamma tal-merkanzija f'idejn is-socjeta' appellanti u dewmien inordinat fir-rilaxx taghha, bi pregudizzju gravi

finanzjarju ghall-istess importatur. Sistemi dawn portwali li hu ormai ben maghruf li kienu jezistu fiz-zmien rilevanti, u li una volta jigi stabbilit, li gew adoperati, kienu ghal kollox jinnewtralizzaw il-valur probatorju tal-Gate Pass Out bhala dokument portwali affidabbli.

Fil-fehma konsidrata ta’ din il-Qorti, fil-kaz taht ezami, ma kienet tinhtieg l-ebda analizi aktar fil-fond tax-xhieda prodotti. Dawn kienu mill-aktar cari u univoci u din il-Qorti setghet serenament tistrieh fuq l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti f’dan ir-rigward. Ghall-bqija din il-Qorti jidhrilha li m’hemm xejn ta’ sostanza fl-aggravju tas-socjeta’ The Cargo Handling Co. Ltd. li seta’ b’xi mod iwassalha ghall-konvinciment kuntrarju ghal dak li waslet ghalih l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata li timmerita li tigi pjenament konfermata, inkwantu ikkonkludiet illi l-provi kienu tali li jindikaw lis-socjeta The Cargo Handling Co. Ltd. bhala konvenuta unikament responsabbli ghad-danni reklamati mis-socjeta’ assiguratrici attrici. L-appell tas-socjeta’ The Cargo Handling Co. Ltd., fir-rigward tas-sejbien ta’ responsabilita’, qed jigi ghalhekk respint.

Finalment din is-socjeta’ appellanti qed tilmenta wkoll fir-rigward tal-kundanna fis-sentenza appellata li thallas l-imghax mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni sal-hlas effettiv. Hi ssostni li una volta l-ammont reklamat mis-socjeta’ attrici lanqas kien qed jigi rikonoxxut fl-interezza tieghu, kellu japplika l-principju li ma kellhomx jiddekorru

imghax fuq ammont li ma kienx likwidu u cert. L-imghax kellhom allura jiddekorru mid-data tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti. Anke f'dan pero' l-appell tas-socjeta' The Cargo Handling Co. Ltd. ma kienx sostenibbli. Dan ghaliex hu stabbilit illi l-ammont reklamat f'danni rejali riskontrati fil-merkanzija importata ma kien gie bl-ebda mod kontestat mis-socjeta' The Cargo Handling Co. Ltd. u din il-Qorti nfatti llikwidatu ezattament kif kien mitlub. L-unika eccezzjoni li ghamlet kienet ghall-ammont ta' Lm75 reklamat ghall-hsara go bumper li dwarha ma kienetx tirrizulta l-prova li din sehhet meta l-vettura in kwistjoni kienet fil-kustodja ta' din is-socjeta' appellanti. F'dawn ic-cirkostanzi kienet allura gusta d-decizjoni tal-Qorti bis-sentenza appellata li kellhom jiddekorru l-imghax fuq dak l-ammont illi l-istess socjeta' appellanti setghet b'certezza tkun taf li kien minnha dovut, u dana mid-data ta' l-interpellazzjoni ghall-hlas. Dan l-ilment ukoll qed jigi allura skartat.

**<u>L-appell tas-socjeta' assikuratrici attrici</u>**

Din il-Qorti tghaddi issa biex tikkonsidra l-appell limitat li ghamlet is-socjeta' assikuratrici attrici fuq zewg kapi partikolari decizi fis-sentenza appellata. Dak cioe' fir-rigward tas-survey fees, u dak fir-rigward ta' l-ispejjez gudizzjarji tas-socjeta' konvenuta O.F. Gollcher Sons Ltd.

a) <u>Dwar is-survey fees:</u> Mis-somma ta' Lm555.40 reklamat fl-att tac-citazzjoni , l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici fis-survey fees kien ta' Lm188 u cioe' Lm4 ghal kull wahda mis-47 vettura. L-ewwel Qorti fis-sentenza appellata eskludiet dawn is-survey fees mill-ammont illi ikkundannat lis-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd. thallas in linja ta' danni. Hi ghamlet hekk ghaliex irriteniet illi: (a) l-ammont mitlub ma kienx kopert bis-surroga moghtija mill-assigurat ghaliex dan ta' l-ahhar qatt ma hallas, sofra jew ircieva tali ammont, u (b) li f'kull kaz kellu jintalab mhux l-ammont shih relatat ghall-konsenja kollha tal-vetturi, izda dak biss li kien jirrigwarda il-vetturi li fihom kien jinstab il-hsara u nuqqas.

Din il-Qorti taqbel li l-ewwel raguni dedotta fis-sentenza appellata ma kienetx sostenibbli inkwantu mhix konformi mal-gurisprudenza ormai kostanti ta' dawn il-Qrati illi kienet tikkonsidra dawn is-survey fees bhala spiza accessorja u necessarja inkorsi biex jigu stabbiliti d-danni reklamati u ghalhekk kellhom huma stess jitqiesu bhala danni rizarcibbli minn min kien tenut responsabbli ghall-hlas taghhom. Mill-banda l-ohra hu wkoll stabbilit fil-gurisprudenza f'diversi gudikati li kienu biss dawk is-survey fees li jirrizultaw li kienu mehtiega biex jigu stabbiliti d-danni pretizi li setghu jigu reklamati. Din il-Qorti diga' esprimiet il-fehma li ma taqbilx mat-tezi li s-survey ex parte jsir mis-socjeta' assikuratrici mhux biss biex tipprotegi l-interessi propji taghha, izda wkoll l-interessi ta'

dawk il-persuni li kontra taghhom is-socjeta' assikuratrici setghet iddur f'kaz ta' reklam ghan-nuqqas jew hsara. Li kieku dan l-argument kien sostenibbli din is-socjeta' assiguratrici kien ikollha l-jedd tirreklama dawn is-survey fees anke f'dawk il-kazijiet fejn ma tkun riskontrata l-ebda hsara jew nuqqas. Ghall-kuntrarju din il-Qorti tirritjeni illi s-survey kien intrinsikament parti mill-process ta' assikurazzjoni u kien fuq kollox intiz biex jirregola u jikkwantifika r-relazzjonijiet interni bejn l-assikuratur u l-assikurat. Kien biss incidentalment li r-rizultanzi tas-survey kienu iservu ta' prova, anke jekk spiss determinanti, biex il-persuna danneggjata, u cioe' fl-ewwel lok l-importatur, ikun f'posizzjoni li jsostni t-talba tieghu ghal-likwidazzjoni tad-danni minnu sofferti fil-merkanzija tieghu. Inkwantu tali hu car li dawk is-survey fees kienu essenzjali bhala mezz ta' determinazzjoni tal-quantum tad-danni u kienu rizarcibbli, pero' biss sa' l-ammont fejn tali spiza kienet inevitabbli biex issir il-prova ta' l-istess danni. Din il-Qorti ma tarax ghaliex m'ghandhiex issegwi din il-gurisprudenza ormai ben stabbilita. L-appell tas-socjeta' assikuratrici attrici qed jigi ghalhekk taht dan il-Kap milqugh biss sa' l-ammont ta' Lm40 u dan ghaliex jirrizulta li gew riskontrati nuqqasijiet u hsarat f'10 biss mis-47 vettura importati mill-assikurat taghha Muscat Motors Ltd. Ghall-bqija dan l-aggravju qed jigi respint.

b) <u>Rigward l-ispejjez gudizzjarji:</u> Is-socjeta' assikuratrici attrici fl-appell taghha wkoll issottomettiet li ma kienetx taqbel li hi kellha tinkorri

l-ispejjez gudizzjarji tas-socjeta' O.F. Gollcher & Sons Ltd. Hi ssostni illi jekk din il-Qorti jidhrilha li xi wahda mis-socjetajiet konvenuti kellha tkun eskluza ghal kollox mir-responsabilita', is-socjeta' assiguratrici attrici ma kellhiex tbati l-ispejjez gudizzjarji relativi ghal dik il-parti. Dan billi qabel ma giet intavolata l-kawza z-zewg socjetajiet konvenuti kellhom kull opportunita' li jissostanzjaw ic-cahda tar-responsabilita' taghhom billi jipproducu dokumenti fil-pussess taghhom. Bil-fatt li dan ma ghamluhx il-kaz taht ezami, is-socjeta' assiguratrici attrici kienet kostratta tharrek liz-zewg socjetajiet.

Din il-Qorti pero' ma jidhrilhiex li ghandha tiddisturba d-decizjoni ta' l-ewwel Qorti fir-rigward ta' dawn l-ispejjez. Anke hawn diversi huma l-gudikati li jsegwu r-ragunament adottat mill-ewwel Qorti. F'kull kaz ma jidhirx illi s-socjeta' The Cargo Handling Co. Ltd. setghet tigi akkollata bi spejjez proprji ghas-socjeta' O.F. Gollcher & Sons Ltd. anke ghaliex din il-Qorti ma hiex tant konvinta illi s-socjeta' assiguratrici attrici u l-assigurat taghha, li fil-jeddijiet tieghu hi surrogata, ma kienux f'posizzjoni illi jivverifikaw, b'indagni aktar akkurata, min kellu jigi ritenut responsabbli ghall-hsarat reklamati. Dan l-aggravju qed jigi ghalhekk michud.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tiddisponi mill-appelli kif gej:-

a) tichad l-appell tas-socjeta' The Cargo Handling Co. Ltd. bl-ispejjez kontra taghha;

b) tilqa' l-appell tas-socjeta' assiguratrici attrici limitatment ghall-aggravju rigward il-hlas tas-survey fees. F'dan ir-rigward tirrevoka s-sentenza appellata inkwantu cahdet din il-parti tat-talba, u minflok tilqaghha limitatament ghall-ammont ta' Lm40, liema somma kellha tigi maghduda ma' l-ammont likwidat in linea ta' danni b'mod li allura s-somma kollha dovuta kellha tigi stabbilita fl-ammont ta' Lm331.98c, liema ammont s-socjeta' The Cargo Handling Co. Ltd. qed tigi kkundannata thallas lis-socjeta' assiguratrici attrici. L-imghax fuq dawn l-Lm40 b'din is-sentenza likwidati, kellhom jibdew jiddekorru mil-lum. Ghall-bqija s-sentenza appellata qed tkun ikkonfermata.

L-ispejjez ta' l-appell tas-socjeta assiguratrici attrici kellhom jithallsu bin-nofs bejn din is-socjeta' u s-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd. L-ispejjez tal-prim'istanza kellhom jibqghu kif gia decizi fis-sentenza appellata.

Dep/Reg

mm